**ĦAL TARXIEN**

**KUNSILL LOKALI TARXIEN**

**Minuti** **Laqgħa Straordinarja Nru. 40/06**

* **Il-Kunsill Itaqa' nhar**
**Il-Ġimgħa 17 ta' Frar 2012 fil-5.15pm**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi**
**f'73, Triq Santa Marija, Tarxien.** Data u ħin

** **Preżenti għal-Laqgħa:** Attendenza

| | |
|---|---|
| **Kav. P. Farrugia** | **Sindku** |
| **Is-Sur F. Agius** | **Viċi Sindku** |
| **Is-Sur L. Bonavia** | **Kunsillier** |
| **Is-Sinj. D. Vella** | **Kunsilliera** |
| **Is-Sur K. Darmanin** | **Kunsillier** |
| **Is-Sur I. Dalli** | **Kunsillier (Daħal fis-6pm)** |
| **Is-Sur Paul J. Pace** | **A/Seg. Eżek.** |
| **Is-Sur Frans Chircop** | **Seg. Eżek.** |
| **Is-Sinj. Antonella Galea** | **Assist. Principal** |

**Preżenti wkoll l-Accountants tal-Kunsill is-Sur Alan Craig u s-Sur R. Cutajar.**

## 1.0 Talba

Is-Sindku P. Farrugia qal it-talba u ppresieda l-laqgħa.

## 2.0 Approvazzjoni tal-Financial Statements 2011

**2.1** Is-Sur R. Cutajar, Accountant, spjega l-Financial Statements 2011 kemm bħala figuri kif ukoll bħala dokumentazjoni paġna paġna fil-preżenza tal-Kunsillieri li huma ġew mgħotija kopja tagħhom kif ukoll fil-preżenza tal-membri l-oħra preżenti. Filqawt li s-Sur Cutajar qal li s-sena 2011 kienet sena bilanċjata irrimarka wkoll li l-Kunsill kien għamel ħafna xogħlijiet u xorta spiċċa s-sena finanzjarja 2011 b'surplus.

**2.2** Saret diskusjoni fuq dawn il-Financial Statements u l-Kunsill wera l-approvazzjoni tiegħu għal mod għaqli kif mexa dan il-Kunsill flimkien mal-amministrazzjoni sabiex il-Kunsill spiċċa is-sena finanzjarja b'surplus kif indikat fil-Financial Statements. Wara li l-membri preżenti taw il-kummenti tagħhom u saret votazzjoni dwar il-qbil u l-aċċettar tal-Financial Statements 2011 kif ġie moqri u preżentat.

Is-Sindku P. Farrugia ippropona u l-Kunsillier L. Bonavia issekonda.

Astensjonijiet xejn.

**2.3** l-Sindku ipreżenta wkoll waqt l-istess laqgħa l-aħħar Quarterly Financial Accounts li jkopru mill-1 ta' Ottubru sal-aħħar ta' Diċembru 2011. Dawn ukoll ġew spjegati mill-accountant tal-Kunsill fejn wara ġew approvati unanimament mill-Kunsill kollu.

Is-Sindku s-Sur Paul Farrugia flimkien mal-Aġent Segretarju Eżekuttiv Paul Pace iffirmaw dawn il-Financial Quarterly Accounts.

**2.4** Is-Sindku P. Farrugia irringrazja lis-Sinj. Brunella, l-accountant, lil R. Cutajar, lis-Sur Paul J. Pace kif ukoll lis-Sinj. Antonella Galea biex wasalna fejn wasalna. Is-Sindku kompla jgħid li r-riżultat ħareġ u s-sitwazzjoni tidher tajba.

## 3.0 Għeluq tal-Laqgħa

Il-laqgħa ntemmet fis-6.30pm u ġiet aġġornata għal nhar il-Erbgħa 29 ta' Frar, 2012 fil-5.30pm.

______________________________

**Kav. Pawlu Farrugia KLJ CMLJ**
**Sindku**

______________________________

**Sur Paul J. Pace Dip. B. A. (Bus Mangt) MBA**
**A/Seg. Eżek.**